

t-trasferiment? Ir-risposta għal din id-domanda tkun differenti jekk ir-rikorrent ma jkunx jista' jsostni d-dikjarazzjonijiet konsistenti u ddettaljati tiegħu permezz ta' dokumenti, meta, fid-dawl tan-natura ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, dan ma jkunx jista' jiġi mistenni minnu?

(¹) ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-15 ta' Ottubru 2021 – NN
vs Regione Lombardia**

(Kawża C-636/21)

(2022/C 2/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: NN.

Konvenut: Regione Lombardia

Domanda preliminari

L-Artikolu 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1323, tat-2 ta' Awwissu 2019 (²), jipprekludu dispożizzjonijiet nazżjonali (bħal dawk tad-Decreto Ministeriale del 15 gennaio 2020 del Ministero delle Politiche agricole alimentari e forestali (id-Digriet Ministerjali tal-15 ta' Jannar 2020 tal-Ministru għall-Politika Agrikola, tal-Ikel u tal-Foresti) intiżi u applikati b'mod li jirrestrinġu l-benefiċċju tal-miżuri ta' kumpens għad-danni kkawżati mill-influenza tat-tjur biss għal dawk l-azjendi li ma waqfux l-attività tagħhom fid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni?

(¹) Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil- ĠU 2014, L 189, p. 261, ĠU 2016, L 130, p. 8 u ĠU 2020, L 1, p. 5).

(²) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1323 tat-2 ta' Awwissu 2019 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fl-Italja (ĠU 2019, L 206, p. 12).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fid-19 ta' Ottubru 2021 – PB
vs Geos SAS, Geos International Consulting Limited**

(Kawża C-639/21)

(2022/C 2/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: PB